REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/303

tal-15 ta' Diċembru 2021

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fil-Baħar Baltiku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (UE) 2019/1241, il-miżuri tekniċi għandhom jiġu adottati biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis u fejn possibbli, l-eliminazzjoni tal-qabdiet inċidentali ta' speċijiet tal-baħar sensittivi, inklużi dawk elenkati skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([2]) u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li jirriżultaw mis-sajd.

(2) Id-denfil iswed (*Phocoena phocoena*) huwa speċi strettament protetta skont l-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE, li telenka ċ-ċetaċji kollha bħala speċi ta' interess Komunitarju li teħtieġ protezzjoni stretta, u hija elenkata fl-Anness II ta' dik id-Direttiva bħala speċi ta' interess Komunitarju li l-konservazzjoni tagħha teħtieġ id-dežinjazzjoni ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni.

(3) Il-popolazzjoni tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali hija ġenetikament differenti b'mod sinifikanti minn popolazzjonijiet oħra. Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) għalhekk iqis li l-popolazzjoni resident tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali jenħtieġ li tiġi ġestita bħala unità tal-popolazzjoni separata ([4]) (minn hawn 'il quddiem id-"denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali").

(4) L-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi r-regoli fil-livell reġjonali fir-rigward tal-miżuri ta' mitigazzjoni biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi inkluż iċ-ċetaċji, billi jingħataw dettalji dwar iż-żoni ristretti, il-perjodi u l-limitazzjonijiet tal-irkaptu.

(5) F'konformità mal-punt 3 tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti għal miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali għat-tnaqqis ta' qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet sensittivi, abbażi tal-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament, fejn l-evidenza xjentifika, ivvalidata mill-ICES jew l-STECF, turi l-impatti negattivi tal-irkaptu tas-sajd fuq l-ispeċijiet ikkonċernati.

([1]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

([3]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

([4]) ICES, 2020. It-talba tal-UE dwar miżuri ta' emerġenza biex jiġu evitati l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fl-Atlantiku tal-Grigal. Fir-Rapport tal-Kunsill Konsultattiv tal-ICES, 2020. Il-Parir tal-ICES 2020, http://ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2020/Special_Requests/eu.2020,04.pdf

(6) It-theddida serja għall-popolazzjoni tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali u l-ħtieġa li tittieħed azzjoni restorattiva ġiet rikonoxxuta mill-partijiet tal-Ftehim dwar il-konservazzjoni ta' ċetaċji żgħar tal-Baltiku, tal-Atlantiku tal-Grigal, tal-Baħar Irlandiż u tal-Baħar tat-Tramuntana (ASCOBANS) permezz tal-adozzjoni tal-pjan ta' rkupru għad-dniefel suwed tal-Baltiku Ċentrali ("il-pjan ta' Jastarnia"). Dan il-pjan ġie żviluppat fl-2002 u rivedut fl-2009 u fl-2016 ([5]), u jiddefinixxi l-qabdiet inċidentali fis-sajd bi xbieki statiċi bħala t-theddida prinċipali għas-sopravivenza tal-popolazzjoni tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali.

(7) Il-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku (HELCOM) irrapportat fil-lista ħamra ([6]) tagħha, li l-popolazzjoni tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali fil-Baħar Baltiku naqset b'mod drammatiku matul dawn l-aħħar mitt sena u hemm indikazzjonijiet qawwija li qed tiffaċċja l-estinzjoni.

(8) Informazzjoni ġdida dwar l-istatus tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali pprovduta mill-proġett SAMBAH fl-2016 ([7]) ikkwantifikat id-daqs tal-popolazzjoni tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali għal 497 individwu.

(9) Wara talba tal-UE għal parir dwar il-miżuri ta' emerġenza biex jiġu evitati l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u d-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fl-Atlantiku tal-Grigal, il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ikkalkula, fil-parir tiegħu tas-26 ta' Mejju 2020 ([8]), il-livell ta' qabdiet inċidentali tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali li jippermetti l-popolazzjoni tirkupra sa 50 % tal-kapaċità ta' portata tagħha f'95 % tal-każijiet fit-tul. Dak il-livell ġie kkalkulat bħala 0,7 individwi minn qbid aċċessorju fis-sena. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv tal-ġestjoni, l-ICES iddikjara li s-sajd ta' thassib kollu għandu jingħalaq. Kwalunkwe qabda inċidentali ta' individwu wieħed biss fis-sena tkompli żżid ir-riskju li l-popolazzjoni tiġi estinta. L-ICES iddikjara fil-parir tiegħu li, b'kont meħud tal-istorja tal-ħajja taċ-ċetaċji żgħar, kwalunkwe miżura ta' protezzjoni tista' tkun effettiva biss meta tiġi applikata kontinwament għal perjodu twil.

(10) Fil-parir tiegħu tas-26 ta' Mejju 2020, l-ICES irrakkomanda sett ta' miżuri ta' mitigazzjoni għall-qabdiet aċċessorji li, jekk jiġu implimentati fl-intier tagħhom, huma mistennija li jnaqqsu b'mod immedjat ir-riskju ta' qabdiet aċċessorji tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali. Dawk il-miżuri jinkludi l-għeluq tax-xatt tal-Baħar Ċentrali tat-Tramuntana għas-sajd kollu għajr għan-nases u l-konzijiet, l-għeluq ta' ċerti siti ta' Natura 2000 u żoni oħra għas-sajd bix-xbieki statiċi (*jiġifieri* parit, għażel u għażel tat-tisqif immażżrat parzjalment). Jirrakkomanda wkoll l-użu obbligatorju ta' apparat akustiku deterrenti fuq ix-xbieki statiċi f'żoni b'okkorrenza baxxa jew potenzjalment baxxa ta' denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali.

(11) Abbażi tal-parir tal-ICES ([9]), f'Diċembru 2020, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Iżvezja (il-grupp reġjonali "BALTFISH"), issottomettew rakkomandazzjoni konġunta li tipproponi miżuri ta' mitigazzjoni biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali. F'Settembru 2021, f'konformità mal-istess parir tal-ICES, BALTFISH issottometta rakkomandazzjoni konġunta ġdida b'miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali għas-sit ta' Natura 2000 Sydvästskånes utsjövatten (SE0430187).

(12) Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti ġew ivvalutati mill-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Baltiku f'Ottubru 2020 u f'Lulju 2021.

([5]) https://www.ascobans.org/sites/default/files/document/ASCOBANS_JastarniaPlan_MOP8.pdf

([6]) https://www.helcom.fi/wp-content/uploads/2019/08/HELCOM-Red-List-Phocoena-phocoena.pdf

([7]) NAMMCO–IMR. 2019. "Report of Joint IMR/NAMMCO International Workshop on the Status of Harbour Porpoises in the North Atlantic" ("Rapport tal-Workshop Internazzjonali Konġunt tal-IMR/NAMMCO dwar l-Istatus tad-Dniefel Suwed fl-Atlantiku tat-Tramuntana"). Rev 2020. Il-Kummissjoni tal-Mammiferi tal-Baħar tal-Atlantiku tat-Tramuntana u l-Istitut Norveġiż tar-Riċerka dwar il-Baħar, Tromsø, in-Norveġja. L-istudju SAMBAH.http://www.sambah.org/SAMBAH-Final-Report-FINAL-for-website-April-2017.pdf

([8]) ICES, 2020. It-talba tal-UE dwar miżuri ta' emerġenza biex jiġu evitati l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fl-Atlantiku tal-Grigal. Fir-Rapport tal-Kunsill Konsultattiv tal-ICES, 2020. Il-Parir tal-ICES 2020.

([9]) ICES, 2020. It-talba tal-UE dwar miżuri ta' emerġenza biex jiġu evitati l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fl-Atlantiku tal-Grigal. Fir-Rapport tal-Kunsill Konsultattiv tal-ICES, 2020. Il-Parir tal-ICES 2020.

(13) Ir-rakkomandazzjoni konġunta sottomessa f'Diċembru 2020 mill-grupp reġjonali BALTFISH tipproponi l-għeluq tax-Xatt tal-Baħar Ċentrali tat-Tramuntana, żona ewlenija għad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali matul l-istaġun tat-tgħammir ([10]), għas-sajd kollu għajr għan-nases u l-konz. Din tissuġġerixxi wkoll l-għeluq tax-Xatt tal-Baħar Ċentrali tan-Nofsinhar u numru ta' siti ta' Natura 2000 għas-sajd bix-xbieki statiċi f'konformità mal-parir tal-ICES tas-26 ta' Mejju 2020. Ir-rakkomandazzjoni konġunta sottomessa f'Settembru 2021 tipproponi l-għeluq staġonali (mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April) għas-sajd bix-xbieki statiċi fis-sit ta' Natura 2000 Sydvästskånes utsjövatten, identifikat mill-ICES ukoll bħala żona ta' importanza għad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali. Flimkien maż-żoni inklużi fil-parir tal-ICES, ir-rakkomandazzjoni konġunta sottomessa f'Diċembru 2020, ipproponiet l-għeluq taż-żona Adler Grund og Rønne Banke (DK00VA261) bejn l-1 ta' Novembru u l-31 ta' Jannar, żona fejn id-dniefel suwed ġieli jkunu preżenti matul ix-xhur tax-xitwa ([11]).

(14) Ir-rakkomandazzjoni konġunta ta' Diċembru 2020 tkompli tipproponi l-użu obbligatorju matul is-sena kollha ta' apparat akustiku deterrenti fi ħdan u barra mis-sit ta' Natura 2000 Zatoka Pucka i Półwysep Helski (PLH220032), li jkopri l-Bajja ta' Puck (il-Polonja) kollha. L-ICES illimita l-parir tiegħu għaż-żona ta' ġo dan is-sit ta' Natura 2000. Madankollu, l-ICES ta l-parir li jingħalaq is-sajd bix-xbieki statiċi fiż-żona tal-Lvant tas-sikka tar-ramel Ryf Mew (il-Bajja ta' Barra ta' Puck) minħabba probabbiltà ogħla ta' detezzjoni tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali. Ir-rakkomandazzjoni konġunta ta' Settembru 2021 tipproponi użu staġonali obbligatorju ta' apparat akustiku deterrenti (mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru) fuq ix-xbieki statiċi fis-sit ta' Natura 2000 ta' Sydvästskånes utsjövatten. Barra minn hekk, l-ICES ta l-parir li x-xbieki statiċi jiġu mgħammra b'apparat akustiku deterrenti f'żoni addizzjonali b'okkorrenza baxxa jew potenzjalment baxxa ta' denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali, li ma tqisux f'dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti.

(15) Ir-rakkomandazzjoni konġunta sottomessa f'Diċembru 2020 ġiet ivvalutata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) fil-laqgħa plenarja tiegħu ta' Marzu 2021 ([12]). L-STECF iddikjara li għalkemm il-miżuri proposti f'din ir-rakkomandazzjoni konġunta huma fil-biċċa l-kbira konformi ma' dawk proposti mill-ICES, ma jimxux magħhom għalkollox. Madankollu, l-STECF ikkonkluda wkoll li jekk jiġu implimentati b'mod effettiv, dawn il-miżuri se jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' qabdiet mhux intenzjonati u inċidentali tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali. Il-miżuri introdotti fir-rakkomandazzjoni konġunta ta' Settembru 2021, f'konformità mal-parir tal-ICES, jikkontribwixxu aktar għal dak l-objettiv.

(16) Iż-żewġ rakkomandazzjonijiet konġunti jipprevedu li l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kontroll tal-attività tal-bastimenti tas-sajd sabiex jiġu implimentati l-miżuri proposti. L-STECF ikkonkluda ([13]), fil-valutazzjoni tal-miżuri proposti fir-rakkomandazzjoni konġunta ta' Diċembru 2020, li tali miżuri jistgħu jsaħħu l-akkuratezza tar-reġistrazzjoni tal-avvenimenti ta' qabdiet aċċessorji għall-ispeċijiet protetti, fil-periklu u mhedda.

(17) B'mod ġenerali, l-STECF iqis li l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti fir-rakkomandazzjoni konġunta ta' Diċembru 2020 se tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-qabdiet mhux intenzjonati u inċidentali tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali u jkunu pass lejn l-ilħuq tal-objettivi tar-Regolament (UE) 2019/1241. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri proposti jiġu inklużi fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241.

(18) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Istati Membri, fir-rakkomandazzjoni konġunta sottomessa f'Diċembru 2020, jimpenjaw ruħhom li jaħdmu fuq miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali malajr kemm jista' jkun, inkluż miżuri addizzjonali relatati mal-użu ta' apparat akustiku deterrenti fuq xbieki statiċi f'żoni b'okkorrenza baxxa jew potenzjalment baxxa ta' denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali, u se jagħmlu ħilithom biex jaqblu aktar dwar miżuri ta' kontroll dettaljati relatati mal-kontroll tal-miżuri ta' mitigazzjoni. Barra minn hekk, flimkien maż-żoni diġà koperti, l-Istati Membri, fir-rakkomandazzjoni konġunta sottomessa f'Settembru 2021, jimpenjaw ruħhom li jaħdmu fuq miżuri addizzjonali biex jitwaqqfu l-attivitajiet tas-sajd bix-xbieki statiċi f'żoni fejn ġew identifikati d-dniefel suwed.

([10]) https://www.ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2020/Special_Requests/eu.2020,04.pdf
([11]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2850498/STECF-PLEN+21-01.pdf
([12]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2850498/STECF-PLEN+21-01.pdf
([13]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2850498/STECF-PLEN+21-01.pdf.

(19) Dan ir-Regolament Delegat huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri addizzjonali għall-protezzjoni tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali li l-Kummissjoni tista' tadotta, inkluż fil-każ ta' raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati ma' theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew għall-ekosistema tal-baħar skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), u miżuri nazzjonali aktar stretti li l-Istati Membri jistgħu jadottaw għal dak l-iskop fl-ilmijiet tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u r-Regolament (UE) 2019/1241.

(20) Għal raġunijiet ta' urġenza li jikkonċernaw il-ħtieġa li l-popolazzjoni tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali tiġi ssalvagwardjata b'effett immedjat, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament. Sabiex tippermetti lis-sajjieda biżżejjed ħin biex jgħammru l-bastimenti tagħhom bl-apparat akustiku deterrenti, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-punt 1.1(b) fl-Anness tiġi differita,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-miżuri tal-punt 1.1(b) tal-Anness għandhom japplikaw minn 1 Ġunju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([14]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

ANNESS

Il-Parti A tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 hija emendata kif ġej:

1. Il-Punt 1.1 huwa emendat kif ġej:

"1.1 Għandu jkun ipprojbit:

(a) li bastimenti b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar jużaw l-irkaptu f'żoni speċifiċi kif definit hawn taħt mingħajr l-użu simultanju ta' apparat akustiku deterrenti attiv.

Żona	Irkaptu
Żona tal-Baħar Baltiku delimitata b'linja għaddejja mill-kosta Żvediża fil-punt fil-lonġitudni 13°E, minn hemm lejn in-Nofsinhar għal-latitudni 55° N, minn hemm lejn il-Lvant għal-lonġitudni 14° E, minn hemm lejn it-Tramuntana għall-kosta tal-Iżvezja; u, Żona delimitata minn linja għaddejja mill-kosta tal-Lvant tal-Iżvezja fil-punt f'latitudni 55°30′ N, minn hemm lejn il-Lvant għall-lonġitudni 15° E, minn hemm lejn it-Tramuntana għall-latitudni 56° N, minn hemm lejn il-Lvant għall-lonġitudni 16° E minn hemm lejn it-Tramuntana il-kosta tal-Iżvezja	Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-ħabbil
Il-Baħar Baltiku subdiviżjoni 24 (ħlief għaż-żona koperta hawn fuq)	Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-ħabbil
Is-subżona 4 u d-diviżjoni 3a tal-ICES (mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Ottubru biss)	Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-ħabbil, jew parit xkitt, li t-tul totali tagħhom ma jaqbiżx l-400 metru
	Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-ħabbil ≥ 220 mm
Diviżjonijiet 7e, 7f, 7 g, 7h u 7j tal-ICES	Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-ħabbil
Diviżjoni 7d tal-ICES	Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-ħabbil

(b) li l-bastimenti kollha jużaw l-irkaptu f'żoni speċifiċi kif definit hawn taħt mingħajr l-użu simultanju ta' apparat akustiku deterrenti attiv.

Żona	Irkaptu
Fil-Punent u l-Lvant tas-"sikka tar-ramel Ryf Mew" (il-Bajja ta' Ġewwa u ta' Barra ta' Puck, fi ħdan is-sit ta' Natura 2000 "Zatoka Pucka i Półwysep Helski" (PLH220032) u barra minnu) Din iż-żona hija definita bħala dik iż-żona tal-baħar magħluqa minn linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin: — 54,606030°N — 18,803830°E — 54,631210°N — 18,772230°E — 54,681520°N — 18,711720°E — 54,694090°N — 18,690050°E — 54,701420°N — 18,652120°E — 54,717640°N — 18,628640°E — 54,789790°N — 18,418240°E	Xbieki statiċi *

— 54,770450°N — 18,412820°E — 54,754770°N — 18,392950°E — 54,727580°N — 18,390240°E — 54,721830°N — 18,402890°E — 54,720780°N — 18,416430°E — 54,705080°N — 18,436300°E — 54,695130°N — 18,467000°E — 54,687800°N — 18,460680°E — 54,660040°N — 18,457070°E — 54,633310°N — 18,463390°E — 54,628590°N — 18,469710°E — 54,632780°N — 18,510350°E — 54,615480°N — 18,507640°E — 54,584510°N — 18,537440°E — 54,550380°N — 18,554600°E — 54,541970°N — 18,543760°E — 54,510950°N — 18,543760°E — 54,486220°N — 18,564530°E — 54,592910°N — 18,808350°E	
Fis-sit ta' Natura 2000 "Sydvästskånes utsjövatten" (SE0430187), din il-projbizzjoni għandha tapplika bejn l-1 ta' Mejju u l-31 ta' Ottubru. Din iż-żona hija definita bħala dik iż-żona tal-baħar magħluqa minn linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin: — 55,35106°N — 12,97893°E — 55,22202°N — 13,53572°E — 55,01445°N — 13,39068°E — 55,01099°N — 13,20750°E — 55,07472°N — 13,16464°E — 55,12709°N — 12,97429°E — 55,09678°N — 12,97513°E — 55,16606°N — 12,79373°E — 55,24938°N — 12,67606°E — 55,30773°N — 12,63771°E — 55,33667°N — 12,64080°E — 55,34481°N — 12,69023°E — 55,30593°N — 12,70856°E — 55,27558°N — 12,80246°E — 55,26932°N — 12,88011°E — 55,27786°N — 12,92801°E	Xbieki statiċi *

* L-għeżula tat-tisqif immażżrati parzjalment, ikklassifikati fir-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd tal-Kummissjoni Ewropea bħala għażel (GNS), li huma ankrati ma' qiegħ il-baħar fuq naħa waħda, jaqgħu fid-definizzjoni ta' xbieki statiċi."

2. Jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"3. Miżuri speċjali fil-Baħar Baltiku

3.1. Is-sajd għandu jkun permess biss bin-nases, in-nases tal-ħut u l-konzijiet fi ħdan iż-żoni li ġejjin magħluqa billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

"Xatt tal-Baħar Ċentrali tat-Tramuntana":

— 56,241°N — 17,042°E

— 56,022°N — 17,202°E

— 56,380°N — 17,675°E

— 56,145°N — 17,710°E

3.2. Is-sajd b'kull tip ta' xibka statika (*) għandu jkun ipprojbit fi ħdan iż-żoni li ġejjin magħluqa billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

Is-sit ta' Natura 2000 "Hoburgs bank och Midsjöbankarna" (SE0330308)

— 55,64194°N — 17,55060°E

— 55,77718°N — 17,45729°E

— 55,80195°N — 17,32586°E

— 55,69214°N — 17,11479°E

— 55,54258°N — 17,18434°E

— 55,50003°N — 17,00016°E

— 55,37749°N — 16,58925°E

— 56,01093°N — 16,61700°E

— 56,45158°N — 17,14420°E

— 56,50419°N — 18,05446°E

— 56,84110°N — 18,08191°E

— 56,82638°N — 18,64635°E

— 56,67028°N — 18,75222°E

— 56,40337°N — 18,60704°E

— 55,79712°N — 18,03668°E

— 55,78242°N — 17,99611°E

— 55,64194°N — 17,55060°E

"Xatt tal-Baħar Ċentrali tan-Nofsinhar"

Ix-Xatt tal-Baħar Ċentrali tan-Nofsinhar huwa definit bħala l-parti Żvediża tax-Xatt tal-Baħar tan-Nofsinhar, li jkopri l-ilmijiet kollha bejn is-sit ta' Natura 2000 Hoburgs bank och Midsjöbankarna (SE0330308) u l-fruntiera Żvediża-Pollakka. L-ilmijiet Pollakki huma delimitati bħala ż-żona fi ħdan il-koordinati li ġejjin:

— 55,377°N — 16,589°E

— 55,466°N — 17,538°E

— 55,797°N — 18,037°E

3.3. Is-sajd bix-xbieki statiċi (*) għandu jiġi pprojbit fiż-żoni magħluqa bil-linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment is-settijiet ta' koordinati li ġejjin bejn l-1 ta' Novembru u l-31 ta' Jannar:

Is-sit ta' Natura 2000 "Adler Grund og Rønne Banke" (DK00VA261)

— 55,035336°N — 14,459815°E
— 54,971063°N — 14,607236°E
— 54,812483°N — 14,413654°E
— 54,812496°N — 14,171885°E

Is-sit ta' Natura 2000 "Adlergrund" (DE1251301)

— 55,64194°N — 17,55060°E
— 55,77718°N — 17,45729°E
— 55,80195°N — 17,32586°E
— 55,69214°N — 17,11479°E
— 55,54258°N — 17,18434°E
— 55,50003°N — 17,00016°E
— 55,37749°N — 16,58925°E
— 56,01093°N — 16,61700°E
— 56,45158°N — 17,14420°E
— 56,50419°N — 18,05446°E
— 56,84110°N — 18,08191°E
— 56,82638°N — 18,64635°E
— 56,67028°N — 18,75222°E
— 56,40337°N — 18,60704°E
— 55,79712°N — 18,03668°E
— 55,78242°N — 17,99611°E
— 55,64194°N — 17,55060°E

Is-sit ta' Natura 2000 "Westliche Rönnebank" (DE1249301)

— 54,70283°N — 14,10320°E
— 54,64811°N — 13,99096°E
— 54,66159°N — 13,97909°E
— 54,67779°N — 13,96169°E
— 54,69590°N — 13,93852°E
— 54,70927°N — 13,91839°E
— 54,71866°N — 13,90198°E
— 54,74805°N — 13,96202°E
— 54,77042°N — 14,00388°E
— 54,76700°N — 14,00920°E
— 54,72013°N — 14,07838°E
— 54,70283°N — 14,10320°E

Is-sit ta' Natura 2000 "Pommersche Bucht mit Oderbank" (DE1652301)

— 54,12615°N — 14,20141°E
— 54,23882°N — 14,16802°E
— 54,27765°N — 14,06962°E
— 54,44113°N — 14,07828°E
— 54,50001°N — 14,05618°E
— 54,50001°N — 14,05786°E
— 54,50000°N — 14,74218°E
— 54,49839°N — 14,74796°E
— 54,38175°N — 14,59768°E
— 54,16732°N — 14,35027°E
— 54,12576°N — 14,23746°E
— 54,12608°N — 14,20783°E
— 54,12615°N — 14,20141°E

Is-sit ta' Natura 2000 "Greifswalder Boddenrandschwelle und Teile der Pommerschen Bucht" (DE1749302)

Iż-żona tal-baħar magħluqa minn:

(a) linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin:

— 54,34995°N — 13,75007°E
— 54,35002°N — 13,78340°E
— 54,31672°N — 13,88336°E
— 54,25958°N — 14,00053°E
— 54,27765°N — 14,06962°E
— 54,23882°N — 14,16802°E
— 54,12615°N — 14,20141°E
— 54,18295°N — 13,98338°E
— 54,14431°N — 13,86995°E
— 54,14633°N — 13,83198°E
— 54,14714°N — 13,83127°E
— 54,15004°N — 13,82926°E
— 54,15088°N — 13,82880°E
— 54,15144°N — 13,82881°E
— 54,18832°N — 13,82347°E
— 54,18832°N — 13,82346°E
— 54,19374°N — 13,82268°E
— 54,21375°N — 13,80557°E
— 54,23009°N — 13,79156°E
— 54,23160°N — 13,77499°E
— 54,23358°N — 13,75603°E
— 54,27407°N — 13,72601°E

(b) Il-kosta minn 54,35002° N 13,72601°E sa 54,27765°N 13,75007°E

Is-sit ta' Natura 2000 "Ostoja na Zatoce Pomorskiej" (PLH990002).

Iż-żona tal-baħar magħluqa minn:

(a) linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin:

— 54,32395°N — 15,38526°E

— 54,25835°N — 15,38440°E

— 54,24455°N — 15,38422°E

— 54,19953°N — 15,38237°E

— 54,16881°N — 15,38111°E

— 54,15807°N — 15,38067°E

— 54,15804°N — 15,38067°E

(b) il-kosta minn 54,15804°N 15,38067°E sa 54,00013°N 14,65346°E

(c) linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin:

— 54,00013°N — 14,65346°E

— 53,99989°N — 14,65269°E

— 53,99982°N — 14,65200°E

— 53,99987°N — 14,65201°E

— 54,01629°N — 14,64664°E

— 53,97913°N — 14,49071°E

— 53,95057°N — 14,43891°E

— 53,93854°N — 14,45827°E

(d) il-kosta minn 53,93854°N 14,45827°E sa 53,92176°N 14,28495°E

(e) linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin, li jinqraw skont l-ordni tal-kolonna:

— 53,92176°N	— 14,28495°E	— 54,48498°N	— 14,79511°E	— 54,47014°N	— 14,85220°E
— 53,92905°N	— 14,28883°E	— 54,48476°N	— 14,79733°E	— 54,47135°N	— 14,85316°E
— 53,93619°N	— 14,29442°E	— 54,48434°N	— 14,79876°E	— 54,47238°N	— 14,85454°E
— 53,94698°N	— 14,30494°E	— 54,48346°N	— 14,80031°E	— 54,47294°N	— 14,85603°E
— 53,94830°N	— 14,31365°E	— 54,48261°N	— 14,80164°E	— 54,47313°N	— 14,85830°E
— 53,95213°N	— 14,33902°E	— 54,48179°N	— 14,80253°E	— 54,47319°N	— 14,86005°E
— 53,97892°N	— 14,33091°E	— 54,48092°N	— 14,80321°E	— 54,47303°N	— 14,86222°E
— 53,97914°N	— 14,33084°E	— 54,47987°N	— 14,80368°E	— 54,47261°N	— 14,86469°E
— 54,10243°N	— 14,29333°E	— 54,47887°N	— 14,80444°E	— 54,47191°N	— 14,86718°E
— 54,12747°N	— 14,28383°E	— 54,47743°N	— 14,80590°E	— 54,47115°N	— 14,86915°E
— 54,12688°N	— 14,25228°E	— 54,47594°N	— 14,80723°E	— 54,47031°N	— 14,87098°E

— 54,12728°N	— 14,24162°E	— 54,47431°N	— 14,80922°E	— 54,46938°N	— 14,87249°E
— 54,16731°N	— 14,35028°E	— 54,47285°N	— 14,81127°E	— 54,46819°N	— 14,87436°E
— 54,16880°N	— 14,35199°E	— 54,47083°N	— 14,81463°E	— 54,46476°N	— 14,87841°E
— 54,16889°N	— 14,35222°E	— 54,46903°N	— 14,81781°E	— 54,46234°N	— 14,88129°E
— 54,38286°N	— 14,59913°E	— 54,46704°N	— 14,82181°E	— 54,46009°N	— 14,88427°E
— 54,49418°N	— 14,74253°E	— 54,46523°N	— 14,82507°E	— 54,45760°N	— 14,88823°E
— 54,49380°N	— 14,74525°E	— 54,46369°N	— 14,82837°E	— 54,45514°N	— 14,89218°E
— 54,49272°N	— 14,75092°E	— 54,46218°N	— 14,83167°E	— 54,45298°N	— 14,89570°E
— 54,49188°N	— 14,75496°E	— 54,46121°N	— 14,83447°E	— 54,44969°N	— 14,90148°E
— 54,49095°N	— 14,75871°E	— 54,46044°N	— 14,83791°E	— 54,44706°N	— 14,90626°E
— 54,48966°N	— 14,76338°E	— 54,46010°N	— 14,84096°E	— 54,44515°N	— 14,90988°E
— 54,48813°N	— 14,76830°E	— 54,46010°N	— 14,84096°E	— 54,44264°N	— 14,91458°E
— 54,48735°N	— 14,77153°E	— 54,46018°N	— 14,84560°E	— 54,44081°N	— 14,91853°E
— 54,48661°N	— 14,77585°E	— 54,46076°N	— 14,84763°E	— 54,43878°N	— 14,92371°E
— 54,48597°N	— 14,77957°E	— 54,46185°N	— 14,84974°E	— 54,43679°N	— 14,92842°E
— 54,48525°N	— 14,78345°E	— 54,46303°N	— 14,85090°E	— 54,43529°N	— 14,93180°E
— 54,48506°N	— 14,78639°E	— 54,46454°N	— 14,85156°E	— 54,43364°N	— 14,93526°E
— 54,48516°N	— 14,79048°E	— 54,46628°N	— 14,85192°E	— 54,43167°N	— 14,93970°E
— 54,48510°N	— 14,79239°E	— 54,46903°N	— 14,85211°E	— 54,43013°N	— 14,94295°E

(f) linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin, li jinqraw skont l-ordni tal-kolonna:

— 54,30457°N	— 15,24969°E	— 54,31048°N	— 15,36540°E
— 54,30337°N	— 15,25282°E	— 54,31376°N	— 15,36389°E
— 54,30277°N	— 15,25502°E	— 54,31833°N	— 15,36227°E
— 54,30249°N	— 15,25746°E	— 54,32214°N	— 15,36082°E
— 54,30267°N	— 15,26188°E	— 54,32356°N	— 15,36059°E
— 54,30319°N	— 15,26968°E	— 54,32452°N	— 15,36102°E
— 54,30321°N	— 15,27431°E	— 54,32527°N	— 15,36217°E
— 54,30327°N	— 15,27860°E	— 54,32726°N	— 15,36727°E
— 54,30238°N	— 15,28297°E	— 54,32853°N	— 15,37192°E
— 54,30115°N	— 15,28744°E	— 54,32944°N	— 15,37681°E

— 54,30039°N	— 15,29080°E	— 54,33059°N	— 15,38341°E
— 54,29976°N	— 15,29354°E	— 54,33088°N	— 15,38527°E
— 54,29886°N	— 15,29724°E	— 54,33089°N	— 15,38535°E
— 54,29858°N	— 15,29968°E		
— 54,29829°N	— 15,30447°E		
— 54,29812°N	— 15,31408°E		
— 54,29777°N	— 15,32068°E		
— 54,29695°N	— 15,32706°E		
— 54,29610°N	— 15,33412°E		
— 54,29570°N	— 15,33741°E		
— 54,29523°N	— 15,34150°E		
— 54,29497°N	— 15,34467°E		
— 54,29501°N	— 15,34994°E		
— 54,29578°N	— 15,35382°E		
— 54,29752°N	— 15,35843°E		
— 54,29935°N	— 15,36192°E		
— 54,30108°N	— 15,36420°E		
— 54,30289°N	— 15,36536°E		
— 54,30516°N	— 15,36587°E		
— 54,30711°N	— 15,36580°E		

Il-parti tal-baħar tas-sit ta' Natura 2000 "Wolin i Uznam" (PLH320019)

Iż-żona hija definita bħala dik iż-żona tal-baħar magħluqa billi jingħaqdu:

(a) linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin:

— 53,93854°N	— 14,45827°E
— 53,95057°N	— 14,43891°E
— 53,97913°N	— 14,49071°E
— 54,01629°N	— 14,64664°E
— 53,99987°N	— 14,65201°E

(b) Il-kosta bejn 53,93854°N u 14,45827°E

Is-sit ta' Natura 2000 "Pommersche Bucht" (DE1552401)

Iż-żona tal-baħar magħluqa minn linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin:

— 54,12576°N	— 14,23746°E
— 54,12615°N	— 14,20141°E
— 54,23882°N	— 14,16801°E
— 54,27765°N	— 14,06962°E

— 54,44109°N — 14,07828°E
— 54,44113°N — 14,07828°E
— 54,61491°N — 14,01307°E
— 54,62898°N — 14,00541°E
— 54,64622°N — 13,99307°E
— 54,64642°N — 13,99285°E
— 54,64811°N — 13,99096°E
— 54,72155°N — 14,14161°E
— 54,81190°N — 14,23910°E
— 54,81190°N — 14,41303°E
— 54,65773°N — 14,41303°E
— 54,53561°N — 14,63560°E
— 54,53208°N — 14,62721°E
— 54,50000°N — 14,74218°E
— 54,49839°N — 14,74796°E
— 54,38175°N — 14,59768°E
— 54,16732°N — 14,35027°E
— 54,12576°N — 14,23746°E

3.4. Is-sajd bix-xbieki statiċi (*) għandu jiġi pprojbit fiż-żoni magħluqa bil-linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment is-settijiet ta' koordinati li ġejjin mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April.

Is-sit ta' Natura 2000 "Sydvästskånes utsjövatten" (SE0430187)

— 55,35106°N — 12,97893°E
— 55,22202°N — 13,53572°E
— 55,01445°N — 13,39068°E
— 55,01099°N — 13,20750°E
— 55,07472°N — 13,16464°E
— 55,12709°N — 12,97429°E
— 55,09678°N — 12,97513°E
— 55,16606°N — 12,79373°E
— 55,24938°N — 12,67606°E
— 55,30773°N — 12,63771°E
— 55,33667°N — 12,64080°E
— 55,34481°N — 12,69023°E
— 55,30593°N — 12,70856°E
— 55,27558°N — 12,80246°E
— 55,26932°N — 12,88011°E
— 55,27786°N — 12,92801°E

3.5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' kontroll jistgħu jimmonitorjaw l-attività tal-bastimenti tas-sajd fi kwalunkwe ħin biex jimplimentaw il-miżuri stabbiliti fil-punti 3.1 sa 3.4.

(*) L-għeżula tat-tisqif immażżrati parzjalment, ikklassifikati fir-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd tal-Kummissjoni Ewropea bħala għażel (GNS), li huma ankrati ma' qiegħ il-baħar fuq naħa waħda, jaqgħu fid-definizzjoni ta' xbieki statiċi."